# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
## LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 8/2019 BS**

**JM**

**-vs-**

**DM**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur JM[1] illi ppremetta:**

1. ILLI l-esponenti JM żżewweġ lill-konvenuta DM fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-Knisja ta' Kerċem, Għawdex;

2. ILLI minn dan iż-żwieġ mal-konvenuta l-esponenti għandu żewġ ulied minuri – AM illi twieled fis-sitta u

għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u CM illi twieldet fl-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016);

3. ILLI ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan minħabba nuqqasijiet gravi imputabbli lill-konvenuta, fosthom adulterju, eċċessi, sevizzi, allegazzjonijiet serji u fiergħa, nuqqas ta' komunikazzjoni u attitudni u mġiba li rrendew il-ħajja konjuġali ta' bejn il-partijiet impossibbli kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

4. ILLI għalhekk ukoll il-ħajja flimkien ma għadhiex aktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser irremedjabilment;

5. ILLI l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma' martu DM bis-saħħa ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti 11 ta' April elfejn u dsatax (2019) fl-atti tal-ittra Numru 100/2018 (PC) fl-ismijiet 'JM vs DM';

6. ILLI l-esponenti għalhekk qed jipproċedi b'dan ir-rikors ġuramentat fejn qed jitlob illi tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali minn ma['] martu DM, tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti u maqsuma bejn il-partijiet, kif

[1] Fol. 1 sa 5, b'dokumenti a fol. 6 sa 9.

ukoll jiġu applikati l-konsegwenzi l-oħra tas-separazzjoni personali bejn il-miżżewġin;

7. ILLI l-esponenti jaf dawn il-fatti kollha personalment.

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-istess konvenuta DM u tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom;

2. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri AM u CM għandha tiġi fdata f'idejn il-kontendenti flimkien b'dana illi l-partijiet għandu jkollhom aċċess għall-minuri kif jiġi determinat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tiffissa r-retta alimentari li għandha tiġi mħallsa b'rati mensili mill-konvenuta lill-attur JM għall-ulied minuri AM u CM u tordna lill-konvenuta sabiex tħallas din ir-retta alimentari;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-attur;

5. Tiddikkjara illi l-partijiet ddekadew mid-drittijiet ta' ereditá reċiproċi;

6. Tapplika kontra l-konvenuta dak kollu kontemplat fl-artikli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili u d-drittijiet kontemplati fl-artikli 631 u 633 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan miż-żmien li din il-Qorti tiddikjara li skont hi, hija d-data li fiha

seħħ it-tort imputabbli lill-konvenuta u li tat lok għall-firda personali tal-partijiet.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuta u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa qed tiġi inġunta.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta DM[2] illi eċċepiet:**

1. ILLI hemm qbil dwar li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali, iżda l-esponenti tikkontesta l-ħtija għal dan billi l-kaġun li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment kienu għal raġunijiet imputabbli prinċipalment lill-attur, u dan kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża;

2. ILLI filwaqt li hemm qbil ukoll li l-kura u l-kustodja tal-ulied AM u CM għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet dment li l-attur jibqa' juri koperazzjoni mal-esponenti fl-aħjar trobbija, edukazzjoni u saħħa ta' wliedhom, l-esponenti ma taqbilx però li l-ulied għandhom jitħallew imorru jgħixu mal-attur kif qed jitlob, iżda għandhom jibqgħu jgħixu mal-esponenti u għandu jiġi ffissat il-ħin jew ħinijiet tal-aċċess għalihom li l-attur għandu jkollu għal dawn uliedu u dan l-aċċess għandu jiġi eżerċitat b'rispett mal-ħinijiet li fihom l-ulied ikollhom l-impenji kurrikulari u extra-kurrikulari tagħhom. Fid-dawl tal-kontro-talba magħmula mill-esponenti, hi l-esponenti li għandha tirċievi mingħand l-attur dik ir-retta alimentari li din il-Qorti jidhrilha li għandha tkun adegwata għall-minuri AM u CM li tkun waħda reali għaż-żminijiet tal-lum u li tkun tirrifletti

[2] Fol. 18 sa 20.

d-dħul tal-attur. Għaldaqstant it-tielet talba għandha tiġi miċħuda;

3. L-ESPONENTI taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom għandha tiġi xolta u l-beni kollha formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti li l-konsistenza ta' dak kollu li tikkomprendi l-istess komunjoni għad irid jiġi stabbilit u likwidat, u jiġu diviżi u assenjati lill-partijiet, però s-sanzjonijiet għandhom ikunu applikati kontra l-attur u għalhekk il-ħames u s-sitt talbiet għandhom jiġu miċħuda.

Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż inklużi tal-atti ta' medjazzjoni, kontra l-attur.

**Rat il-kontrotalba tal-konvenuta DM[3] fejn ippremettiet:**

Il-konvenuta trid tinqeda b'din ir-risposta ġuramentata u qegħdha [*sic*] tressaq il-kontro-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

ILLI billi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ċelebrat fit-22 ta' Diċembru 2012, tkisser irrimedjabbilment u dan għal bosta raġunijiet fil-liġi imputabbli lill-attur, li rrendew il-konvivenza ta' bejn il-partijiet waħda impossibbli, u minħabba inkompatibilità tal-karattru tal-partijiet lejn xulxin;

ILLI billi minħabba f'hekk il-partijiet ma jistgħux jibqgħu jgħixu aktar flimkien taħt l-istess saqaf, altrimenti dan ikun ta' ħsara u

[3] Fol. 20 sa 22.

detriment għal uliedhom minuri AM u CM minħabba t-tensjoni li teżisti fid-dar matrimonjali fejn il-partijiet għadhom jgħixu;

BILLI l-attur mhuwiex regolari u kostanti fil-ħlas tal-manteniment tal-ulied u l-manteniment li jħallas huwa baxx ħafna meta mqabbel mad-dħul relattivament għoli li għandu fix-xahar;

ILLI l-esponenti ġiet debitament awtorizzata biex tipproċedi b'dawn il-proċeduri;

**Talbet għalhekk lill-attur JM jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli biss lill-attur rikonvenzjonat u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment;

2. Tawtorizza lill-konvenuta tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali Flat 3, 'The Meadows', Triq Feliċ Grech, [*l*-]Għarb, flimkien ma' wliedha minuri AM u CM ad esklużjoni tal-attur rikonvenzjonat, u konsegwentement tikkundanna lill-attur joħroġ mid-dar matrimonjali;

3. Filwaqt li tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri AM u CM f'idejn il-partijiet flimkien, tiffissa l-aċċess favur l-attur rikonvenzjonat li għandu jiġi stabbilit fl-aħjar interess tal-minuri;

4. Tiffissa u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas retta alimentari adegwata għaż-żewġ ulied AM u CM li għandha tkun waħda reali u tirrifletti l-ispejjeż rikorrenti biex jitrabbew tajjeb tenut kont tad-dħul tajjeb u regolari li

għandu l-attur rikonvenzjonat, u l-spejjeż tal-edukazzjoni u saħħa tal-istess ulied;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jirritorna l-oġġetti parafernali lill-konvenuta martu li jirriżulta li għadhom fil-pussess tiegħu;

6. Tapplika kontra l-attur rikonvenjzonat id-dispożizzjonijiet u s-sanzjonijet kontemplati fl-artikolu 48, 51 u 55A tal-Kodici Ċivili;

7. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti għal kunjom xbubitha, Micallef.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra [*sic*] ta' medjazzjoni kontra l-attur rikonvenzjonat.

Bl-inġunzjoni tal-attur rikonvenzjonat għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab debitament imħarrek.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-attur rikonvenzjonat JM għall-kontrotalba tal-konvenuta DM[4] illi eċċepixxa:**

1. ILLI hemm qbil li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet iżda din hija totalment ħtija ta' DM għar-

[4] Fol. 24 sa 25.

raġunijiet mogħtija fir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-esponenti fosthom minħabba adulterju;

2. ILLI l-esponenti jopponi bil-qawwa kollha li huwa għandu jitlaq mid-dar matrimonjali stante li t-tkissir taż-żwieġ ġara unikament tort ta' DM kif ser jiġi ppruvat waqt il-kors tal-kawża u għaldaqstant hija DM li għandha tiġi kundannata toħroġ mid-dar matrimonjali u l-esponenti jibqa' jgħix fiha flimkien ma' wliedu minuri;

3. ILLI hemm qbil li l-kura u kustodja tal-minuri tkun waħda konġunta bejn il-partijiet iżda dawn għandhom jgħixu ma' l-esponenti [*sic*] fid-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-konvenuta u għalhekk din l-Qorti tiffissa l-aċċess favur l-konvenuta DM;

4. ILLI r-raba' talba għandha tiġi miċħuda u din l-Onorabbli Qorti għandha tiffissa r-retta alimentari li DM għandha tħallas għall-uliedha [*sic*] minuri;

5. ILLI l-esponenti jaqbel li għandha tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

6. ILLI d-dispożizzjonjiet tal-artikoli 48, 51 u 55A tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati kontra l-konvenuta u mhux kontra l-esponenti għar-raġunijiet mogħtija fir-rikors ġuramentat;

7. ILLI l-esponenti ma għandu l-ebda oġġezzjoni li DM tirriverti għal kunjom xbubitha;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra ta' medjazzjoni kontra l-konvenuta DM.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni li minn issa hija inġunta.

**Fliet** l-atti fl-intier tagħhom;

**Rat** li fit-12 ta' Marzu, 2020 ingħatat deċiżjoni mill-Qorti kif diversament presjeduta rigward ir-rikors tal-attur tad-29 ta' April, 2019 bil-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 b'effett mid-data tal-istess deċiżjoni;[5]

**Rat** id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti kif diversament presjeduta nhar l-10 ta' Ġunju, 2020 li biha l-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u ordnat l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza tat-12 ta' Marzu, 2020 ai termini tal-Artikolu 266 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;[6]

**Rat** li mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti kif diversament presjeduta fit-12 ta' Marzu, 2020 u fl-10 ta' Ġunju, 2020 sar appell mill-konvenuta;[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-20 ta' Novembru, 2020 ġie dikjarat magħluq l-istadju tal-provi tal-attur u ġie wkoll revokat l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju Dr Aron Attard Hili;[8]

**Rat** li b'deċiżjoni tat-28 ta' Jannar, 2021 il-Qorti tal-Appell iddisponiet mill-appell tal-konvenuta mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħtija nhar it-12 ta' Marzu, 2020 billi kkonfermat l-istess rigward it-terminazzjoni tal-

[5] Deċiżjoni a fol. 418 sa 424.
[6] Fol. 723 sa 730.
[7] Kopja tar-rikorsi tal-appell a fol. 738 sa 743 u 745 sa 750.
[8] Verbal mhux paġinat.

komunjoni tal-akkwisti b'dan li tali terminazzjoni bdiet mid-data tad-deċiżjoni tal-appell, ossia; mit-28 ta' Jannar, 2021;

**Rat** id-digriet tal-Qorti tal-Appell mogħti nhar il-15 ta' Frar, 2021 li bih l-istess Qorti ddikjarat li peress id-deċiżjoni relattiva għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet saret finali tenut kont ta' deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Jannar, 2021, ma baqax użu li tingħata deċiżjoni rigward l-appell tal-konvenuta mid-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħti nhar l-10 ta' Ġunju, 2020;

**Rat** li fl-udjenza tat-2 talulju, 2021 il-partijiet qablu li l-valur attribwibbli lill-proprjetajiet immobbli li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti għandhom ikunu dawk dikjarati mill-konvenuta fl-affidavit tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2021;

**Rat** il-kopja tad-deċiżjoni tal-annullament taż-żwieġ bejn il-partijiet ippubblikata nhar is-7 ta' Diċembru, 2021;[9]

**Rat** li fl-udjenza tal-20 ta' Mejju, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi magħluqa u l-kontroeżamijiet eżawriti b'dan li l-kawża ġiet differita għall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet kif ukoll għal-lum għas-sentenza;[10]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż rikorsi u risposti addizzjonali, dokumenti esibiti, verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat** in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

**Preliminari:**

Din il-Qorti fliet b'attenzjoni il-provi voluminużi mressqa mill-partijiet tul din il-proċedura. Qrat b'attenzjoni l-affidavits kollha.

B'din il-kawża l-attur talab lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejnu u l-konvenuta billi tiddeċiedi li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabilment għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta, tordna li l-kura u l-kustodja ta' wliedhom minuri tiġi fdata f'idejh u f'idejn il-kovnenuta flimkien b'aċċess tat-tnejn għall-minuri jkun kif determinat mill-Qorti, tiffissa retta alimentari pagabbli mensilment mill-konvenuta lilu favur l-ulied minuri, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u l-konvenuta b'dan li tillikwida l-istess u taqsamha bejniethom wara li jiġu identifikati l-beni parafernali, tiddikjara li l-partijiet ddekadew mid-drittijiet ta' eredità reċiproċi, u tapplika l-Artikolu 48, 51, 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenuta.

Il-konvenuta rrispondiet għal dan billi eċċepiet li hija taqbel la għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn l-attur iżda dan għal raġunijiet imputabbli lill-attur. Taqbel ukoll li l-kura u l-kustodja tal-ulied għandha tibqa' konġunta bejn il-partijiet dment li l-attur juri koperazzjoni magħha. Iżżid iżda li l-ulied għandhom, kontra t-talbiet tal-attur, jibqgħu jgħixu magħha b'dan li tiġi ffissita modalità ta' aċċess għalihom mill-attur. Taqbel ukoll li tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti b'dan li din tiġi l-ewwel stabbilita u mbagħad likwidata u

[9] Vol. VII, mhux paġinata.
[10] Vol. VII tal-proċess, verbal mhux paġinat.

assenjata f'porzjonijiet. Iżżid iżda li s-sanzjonijiet għandhom ikunu applikati kontra l-attur.

B'kontrotalba, il-konvenuta talbet għalhekk sabiex din il-Qorti tippronuznja s-separazzjoni personali bejnha u bejn l-attur rikonvenzjonat peress li ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, tawtorizzaha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali ossia, l-appartament numru 3, fil-blokka 'The Meadows', Triq Feliċ Grech, l-Għarb, Għawdex flimkien mal-ulied u ad esklużjoni tal-attur, tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied f'idejn il-partijiet konġuntivament b'dan li tiffissa l-aċċess favur l-attur rikonvenzjonat, tiffissa retta alimentari pagabbli mill-attur rikonvenzjonat lilha a favur l-ulied, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tikkundanna lill-attur jirritorna oġġetti parafernali appartenenti lilha, tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48, 51 u 55A tal-Kodiċi Ċivili, u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha.

L-attur rikonvenzjonat irrisponda għall-kontrotalba billi qal li hemm qbil li tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali però insista li dan għandu jseħħ għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta inkluż l-adulterju, hemm qbil li l-kura u l-kustodja tal-ulied għandha tkun konġunta, jopponi li jitlaq mid-dar matrimonjali b'dan li jgħid li minnha għandha titlaq il-konvenuta bih u l-ulied jibqgħu jgħixu f'din id-dar, jinsisti li r-retta alimentari għandha tkun pagabbli mill-konvenuta lilu favur l-ulied, jaqbel li għandha tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti, jinsisti li s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikoli 48, 51 u 55A tal-Kodiċi Ċivili għandhom jiġu applikati kontra l-

konvenuta, ma joġġezzjonax li l-konvenuta tirriverti għal kunjom xbubitha.

Qabel tgħaddi għall-kunsiderazzjonijiet fil-mertu, huwa opportun li din il-Qorti tagħti riassunt tal-fatti saljenti li wasslu għal din l-istanza u tnissel ukoll dati rilevanti.

Il-partijiet kontendenti żżewġu bir-rit tal-Knisja u ċivilment nhar it-22 ta' Diċembru, 2012 f'Għawdex wara li ltaqgħu fil-bidu tal-2011 f'Malta fejn kienu t-tnejn jaħdmu u wara li kienu diġà għexu flimkien fi proprjetà parafernali tal-attur fis-Swieqi, Malta.

Minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, tifel fis-26 ta' Diċembru, 2013 u tifla fl-4 ta' April, 2016 b'dan li ż-żewġ ulied għadhom minuri bl-akbar fosthom, it-tifel, għandu disa' (9) snin.

Iż-żwieġ tagħhom iddeterjora u hawnhekk, għalkemm mill-atti jidhru diversi akkużi minn kull parti kontra l-oħra, jekk hemm qbil wieħed bejn il-partijiet dan huwa li l-problemi tfaċċaw kmieni fir-relazzjoni tagħhom, madwar iż-żmien meta bdew jippjanaw li jiżżewġu, b'dan li ż-żewġ partijiet isemmu li kien hemm diversi kwistjonijiet li jinvolvu partikolarment lill-omm l-attur.

Infatti, fix-xhieda tiegħu tal-24 ta' Settembru, 2021 l-attur jgħid li l-problema prinċipali kienet ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u ommu u bdiet lejn 2012/2013 b'dan li jgħid ukoll li huwa mar l-ewwel darba għand terapista tal-familja—Charles Azzopardi—fl-2013. Iżid li dan għamlu peress li kienu jinqalgħu kwistjonijiet rigward ommu kull meta kienu jkunu Għawdex għall-*weekend*

bil-konvenuta mbagħad iddum sa ċirka nhar l-Erbgħa wara li jinżlu lura Malta sabiex jgħaddilha.

Similarment, il-konvenuta—inkluż fl-affidavit tagħha maħluf fit-23 ta' Ġunju, 2021—tgħid li hija ħasset li hemm kwistjonijiet fiż-żwieġ tagħha mill-attur fiż-żmien fejn kienu qed jippjanaw iż-żwieġ u, apparti li kienet tħallas ħafna mid-depożiti relatati ma' dan l-avveniment hi stess, kien hemm indħil min-naħa ta' ommu inkluż fil-ġurnata meta kienet qed tinxtara l-libsa tat-tieġ. Iżżid li saħansitra xtrat iċ-ċurkett taż-żwieġ tagħha hi stess u li fl-ewwel lejl taż-żwieġ l-attur ma weriex interess lejha. Aktar tard, il-konvenuta tgħid li ż-żwieġ bejnha u l-attur qabad in-niżla mat-twelid tal-ewwel wild tagħhom fl-2013 fejn l-indħil ta' omm l-attur kompla jiżdied. Il-konvenuta żżid tgħid ukoll li sa mill-2017 hi u l-attur kienu diġà rrikorrew għall-għajnuna tat-terapista Fr Joseph Farrugia. Tgħid ukoll li tul il-proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Knisja saret taf li tul l-2016 l-attur kien jibgħat imejls lilu nniffsu f'forma ta' djarju bħala rendikont ta' avvenimenti bejniethom.[11]

Id-deterjorazzjoni fiż-żwieġ tal-partijiet kontendenti waslet għal dawn il-proċeduri wara li b'digriet ta' din il-Qorti datat il-11 ta' April, 2019 fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 100/2018/PC l-attur ġie awtorizzat jipproċedi b'dawn il-proċeduri.

Tul dawn il-proċeduri, saret talba mill-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti liema talba ġiet riżolta definittivament b'deċiżjoni favur tali terminazzjoni permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Jannar, 2021 b'dan li tali

[11] Il-Qorti ma kellhiex l-opportunità tara tali imejls li però jissemmew ukoll fid-deċiżjoni ta' annullament tat-Tribunal tal-Knisja. Min-naħa tagħha, il-konvenuta żammet irċevuti allegatamenti ta' ħlasijiet li għamlet hi għall-bżonnijiet tal-familja sa minn lura l-2013.

terminazzjoni tal-komunjoni bdiet ukoll tapplika mit-28 ta' Jannar, 2021.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

B'dan ir-riassunt magħmul, din il-Qorti ser tgħaddi l-ewwel sabiex teżamina r-raġunijiet li l-partijiet jimputaw lil xulxin għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejniethom biex b'hekk imgħad tgħaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom u u tapplika, jekk ikun il-każ, is-sanzjonijiet mitluba.

**Raġunijiet għat-tkissir taż-żwieġ imputati mill-attur kontra l-konvenuta:**

L-attur isejjes it-talbiet tiegħu relattivi għal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali u konsegwenzjali effetti tal-istess dikjarazzjoni abbażi tal-Artikolu 38, ossia l-adulterju, u xi elementi tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 ossia eċċessi, moħqrija, allegazzjonijiet serji u fiergħa, nuqqas ta' komunikazzjoni, attitudni u mġiba li rrendew il-ħajja konjugali bejnu u l-konvenuta impossibbli biż-żwieġ tkisser irrimedjabilment.[12]

Rigward it-talbiet tal-attur msejsa fuq l-Artikolu 40 tal-Kap. 16, il-Qorti tosserva li għalkemm tul l-andament tal-proċeduri saru diversi referenzi għall-karattru u l-imġiba tal-konvenuta, speċjalment fejn dawn jinvolvu r-relazzjoni tagħha mal-familja originali tagħha—ġenituri tagħha u oħtha—kif ukoll ma' omm l-attur, ma tressqux provi sostanjzali dwar dawn l-ilmenti tal-attur kontra l-konvenuta.

Rigward in-nuqqas ta' komunikazzjoni, jirriżulta ċar mill-assjem tal-provi li din kienet kwistjoni li temani miż-żewġ naħat

[12] It-3 u r-4 talba attriċi.

u rriżultat fi stadju bikri taż-żwieġ bejn il-kontendenti, infatti; minn qabel l-istess żwieġ, bl-attur jgħid li huwa kien jevita konfrontazzjoni—xi ħaġa ripurtata wkoll f'ċertu dettall fid-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Knisja dwar l-annullament kopja ta' liema tinsab in atti—filwaqt li l-konvenuta tilmenta li l-attur kien jirrifjuta li jiddiskuti magħha b'dan li hija wasslet sabiex ħasset il-bżonn tqanqal xi reazzjoni mingħandu u, saħansitra, f'aktar minn okkażjoni waħda telqet mid-dar u marret f'positijiet fejn ħassitha libera tesprimi l-emozzjonijiet tagħha.

Fejn jidħlu allegazzjonijiet serji u fiergħa li l-attur jilmenta li hija ħatja tagħhom il-konvenuta, il-Qorti tosserva li għalkemm f'affidavit minn tagħha l-konvenuta tgħid li kellha dubji li l-attur jista' jkun li għandu tendenzi omosesswali, bl-istess kienet anke l-istrateġija li ttieħdet f'parti ta' wiehed mill-kontroeżamijiet tal-attur mill-abbli difensur tal-konvenuta, huwa ċar kemm li l-konvenuta m'għafsitx fuq din il-linja kif ukoll li l-istess konvenuta kienet pjuttost kontradittorja f'dan is-sens, inkluż fejn fl-affidavit tagħha maħluf fit-23 ta' Ġunju, 2021 tagħmel referenza għall-biża' li kellha meta l-attur issuġġerixxa li jagħti daqqa t'id lil xi ħabibha tiegħu fl-għażla ta' għamara għall-appartament ġdid li kienet akkwistat din l-istess ħabibha tiegħu.

B'referenza għall-eċċessi u moħqrija da parti tal-konvenuta versu l-attur, din il-Qorti tosserva li l-unika kwistjoni ta' intervent mediku li rriżulta tul l-andament ta' din il-vertenza u mill-provi voluminużi li jifformaw dan il-proċess hija waħda

minima ta' xoffa maqsuma allegatament kaġunata lill-attur mill-konvenuta.

Hawnhekk il-Qorti rat l-inkartament tar-rapport li sar għand il-pulizija nhar it-3 ta' Lulju, 2019 fejn ġew anke preżentati lill-pulizija ċertifikati mediċi maħruġa mill-istess tabib—Dr J. Xuereb Curmi—minn kull parti f'din l-istanza bl-istess iċċertifika feriti ta' natura ħafifa f'kull parti. B'dan li, il-pulizija fid-dover tagħhom sejħu għall-aġenti soċjali li ddikjaraw il-kwistjoni bħala waħda normali ta' konflitt matrimonjali.

Inċident iżolat li din il-Qorti ċertament la tista' u anqas sejra tqis bħala eċċess jew moħqrija li jista' jwassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16.

Jibqa' għalhekk il-kwistjoni tal-adulterjuri ai termini tal-Artikolu 38.

L-adulterju huwa motiv għas-separazzjoni skont l-Artikolu 38 tal-Kap. 16 li jrid illi:

> **38.** *Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.*

Di più, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni li *l-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għalija l-ligi tawtorizza s-*

*separazzjoni personali*[13] u dan għaliex, pruvat l-adulterju, jiskattaw is-sanzjonijiet serji tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-adulterju u jekk minn jagħmel l-allegazzjoni jistax fattwalment jagħti prova li seħħ l-adulterju.

L-attur jinsisti li l-konvenuta kkomettiet adulterju ma' terz—ċertu Ivan Cauchi—li kien jaħdem magħha fid-ditta *Gozo Pride Tours* appartenenti lill-kuġin tal-konvenuta Joseph Theuma.

Min-naha l-oħra, il-konvenuta tinsisti li ma' dan it-terz kien hemm biss ħbiberija u fiduċja reċiproka b'dan li dawn kienu jiftħu qalbhom ma' xulxin inkluż rigward problemi familjari iżda bejniethom qatt ma kien hemm intimità, anke jekk skambjaw messaġġi li jistgħu jindikaw intimità, b'dawn il-messaġġi kienu *mise-en-scene* sabiex titqanqal reazzjoni mill-attur li skont il-konvenuta ma kienx qiegħed juri interess fiha.

Sabiex jipprova t-tezi tiegħu l-attur ipprezenta—a fol. 399 sa 416—diversi ritratti ta' *screen* ta' telefon ċellulari b'fuqu messaġġi mibgħuta permezz ta' *Facebook Messenger* li juru wiċċ u isem dan it-terz—kif *del resto* aċċetta l-istess terz meta ssejjaħ sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri—kif ukoll komunikazzjonijiet bejn dan it-terz u persuna oħra li ma tirrizultax minn dawn ir-ritratti. Aktar tard, waqt xhieda tiegħu in kontroeżami, l-attur ippreżenta *screenshot* ta' xi messaġġi mibgħuta mill-konvenuta

[13] Ref: deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass***, Ċitazzjoni Nru 98/2002/1RCP.

lill-istess terz liema *screenshot* jirriżulta meħud nhar il-31 ta' Lulju, 2018.

Il-konvenuta tilqa' għar-ritratti a fol. 399 sa 416 fl-affidavit tagħha maħluf nhar it-23 ta' Ġunju, 2021 billi tgħid li fihom la jidher wiċċha u anqas isimha. Tgħid ukoll li minnhom ma tirriżulta ebda data. Dan l-istess kliem qalu qabilha—fit-testimonjanza tiegħu mogħtija fl-2020—it-terz identifikabbli minn dawn ir-ritratti bit-tnejn—il-kovenuta u dan it-terz—insistew li huma qatt ma kellhom relazzjoni intima bejniethom għalkemm kellhom ħbiberija ta' kollegi u anke skambjaw messaġġi inkluż xi messaġġi miftiehma bħala *mise-en-scene* sabiex iqanqlu reazzjoni fl-attur bit-tama li dan jiddiskuti mal-konvenuta problemi matrimonjali li l-konvenuta ddiskutiet ma' dan it-terz.

Hawnhekk din il-Qorti għandha allura quddiemha kwistjoni ta' diverġenza fix-xhieda għal-liema raġuni, din il-Qorti ser tirreferi għal ġurisprudenza stante li l-Artikolu 38 tal-Kap. 16 ma jidholx fil-kwistjoni tal-prova iżda jipprovdi biss li *kull parti miżżewġa tista titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra*.

Il-ġurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti f'dan ir-rigward. Kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et***,[14] meta si tratta ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti,

[14] Appell Ċivili Numru 152/1999/2.

il-każ neċessarjament jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilità u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.

Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[15] ġie ritenut:

> *Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli.*

B'dan li l-Qorti għandha tara jekk verżjoni waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq bilanc ta' probabilitajiet u b'hekk issib rifuġju fir-regola *in dubio pro reo*.

B'mod aktar speċifiku għall-każijiet ta' tilwim matrimonjali, fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-28 ta' Frar, 2003 fl-ismijiet ***Marthese Vella vs George Vella*** ġie ossevrat li għalkemm kull parti tal-kawża tista' tixhed, din il-prova *e da accogliersi colla medesima cautela e circospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dalle deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo' inferire dalla verosimiglianza del racconto, della corroborazione di quella prova, e sopratutto dal confronto delle disposizioni di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero*

[15] Ċitazzjoni Numru 462/2002/1.

*che in casi simili alla fattispecie i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personale dall'altro coniuge, si svolgono generalemnete entro il segreto delle pareti domestiche… [PA Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia – 07.03.1919].*

Oltre minn hekk, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna***,[16] ġie ritenut li:

> *[…] Huwa ormai paċifiki fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista['] jkun pruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche dawn ikunu gravi, preċizi u konkordanti, b'mod li ma' jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika.*

Similarment, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Ċunju, 1964 fl-ismijiet ***Rosina Micallef vs Angelo Micallef***,[17] ingħad ulterjorment li:

> *Rigward l-adulterju, bħala wieħed mir-raġunijiet tal-kontro-talba tal-konvenut, jinsab ritenut fil-ġurisprudenza li minħabba d-diffikolta' tal-prova okulari tal-konġunġiment karnali, l-adulterju jista['] jiġi inferit minn indizzji u presunzjonijiet gravi bħal ma huma l-istat ta' konkubinat.*

B'dan l-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana din il-Qorti trid allura tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u tagħtihom il-piż normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan li għandu jkun oġġettiv u fattwali, imsejjes fuq iċ-ċirkostanza tal-każ partikolari, u tenut

[16] Ċitazzjoni Numru 1715/2001/1.
[17] Vol.XXXVII.II.693.

kont tal-aspetti saljenti tal-ħajja matrimonjali tal-kontendenti u mhux ta' xi inċident iżolat.[18]

Fil-każ in eżami, il-Qorti tosserva li kemm it-terz akkużat li miegħu seħħ l-adulterju allegat da parti tal-konvenuta kif ukoll il-konvenuta nnegaw li kellhom xi tip ta' relazzjoni intima, minkejja li ammettew li kkomunikaw bejniethom. Tosserva wkoll li filwaqt li l-istess terz u l-konvenuta t-tnejn li huma, b'mod interessanti, ġibdu l-attenzjoni għan-nuqqas tad-data u l-ħin fuq il-messaġġi li jidhru a fol. 399 sa 416, ma qalu xejn rigward il-messaġġ addizzjonali li ġie ppreżentat mill-attur waqt il-kontroeżami tiegħu u li jirriżulta meħud nhar il-31 ta' Lulju, 2018.

Madanakollu, din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-messaġġi li jidhru a fol. 399 sa 416 kienu konverżazzjoni bejn it-terz u l-konvenuta filwaqt li tosserva li l-messaġġ l-ieħor ma jippremetti xejn inkriminanti iżda għandu ton ta' amiċizzja u nkejja tali.

B'dan f'moħħha, u tenut kont tal-fatt li l-akkuża ta' adulterju da parti tal-konvenuta a preġudizzju tal-attur ġiet biss korraborata:

i. minn dak li jaħseb l-attur, u;

ii. mix-xhud Joseph Theuma, li jiġi kuġin tal-konvenuta ma' min kienu jaħdmu kemm it-terz kif ukoll il-konvenuta, li jgħid li l-konvenuta qalet quddiemu u quddiem terza, l-iskrivana tal-kumpanija tiegħu, li hija kellha relazzjoni extra-maritali u li jirriżulta lil din il-Qorti li hemm kawżi pendenti bejnu u bejn il-konvenuta rigward ħlasijiet li seħħew jew ma seħħewx

[18] Ref: ukoll id-deċiżjoni mogħtija nhar it-13 ta' Ġunju, 1967 fl-ismijiet ***Caterina Agius vs Benedict Agius***.

waqt l-impjieg tal-konvenuta mal-istess Joseph Theuma.[19]

Tenut kont ukoll tal-fatt li:

i. terzi, impjegati tal-aġenzija tat-turiżmu u l-vjaġġi *Gozo Pride Tours* li allegatament kienu a konoxxjenza ta' xi attivitajiet għaddejjin bejn il-konvenuta u t-terz akkużat li kkommetta adulterju magħha ma tressqux sabiex jixhdu;

ii. l-iskrivana tal-istess aġenzija li ssemmiet b'isimha u kunjomha mix-xhud Joseph Theuma—Jennifer Buttiġieg—bħala l-persuna li quddiemha l-konvenuta allegatament ammettiet ma' Theuma li kien hemm xi ħaga għaddejja bejnha u bejn it-terz ma tresqitx sabiex tixhed;

iii. oħt il-konvenuta li allegatament stqarret li kienet taf b'dak li kien għaddej bejn oħtha u t-terz akkużat li kkommetta adulterju mal-konvenuta ma' mart it-terz ma tressqitx sabiex tixhed;

iv. mart l-istess terz akkużat li kkommetta adulterju mal-konvenuta tgħid li meta «qabdithom»—lill-konvenuta u t-terz akkużat—flimkien fil-karozza f'Ta' Sannat ma rat ebda intimità bejniethom iżda rat biss lil żewġha fil-vettura mal-konvenuta li malli lemħitha ħarġet mill-

[19] Ref: Rik. Ġur. Nru. 80/2020 SG fl-ismijiet *Mizzi Denise vs Theuma Joseph*—pendenti u Avviż Nru 15/2020 BS fl-ismijiet *Theuma Joseph vs Mizzi Denise*—pendenti.

vettura u telqet minn fuq il-post b'wara ltaqgħu t-tlieta fl-istess post u ddiskutew il-viċenda;

v. minkejja li jidher li kontra t-terz akkużat li kkommetta adulterju mal-konvenuta hemm ħafna għajdut ta' infedeltà, mhux l-istess jista' jingħad kontra l-konvenuta li fil-mori ġiet dejjem u unikament biss akkużata li kkommettiet adulterju ma' dan it-terz partikolari, inkluż mill-attur stess fix-xhieda tiegħu in kontroeżami ta' nhar l-24 ta' Settembru, 2021 fejn jgħid li skont hu l-adulterju seħħ ma' dan it-terz biss;

vi. ebda aġenzija tas-servizzi tal-mowbajl ċellulari ma ttellgħet tixhed rigward frekwenza ta' telefonati jew messaġġi bejn it-terz akkużat u l-konvenuta u ebda ħatra ta' espert ma ntalbet sabiex tiġi estratta informazzjoni rigward messaġġi li setgħu ntbagħtu bejn il-konvenuta u xi terz f'termini ta' adulterju, inkluż it-terz in mertu;

Jikkonvinċi lil dina l-Qorti li għalkemm seta' kien hemm xi kunfidenzi żejda bejn il-konvenuta u t-terz akkużat li kkommetta adulterju magħha, mill-provi ma jirriżultax l-adulterju veru u proprju li jista' jwassal lil dina l-Qorti sabiex bil-kuxxjenza f'postha tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet illi kieku jkunu applikabbli f'tali ċirkostanza. Dan inkluż billi l-indizzji li nġiebu quddiem din il-Qorti sabiex jiġi

ppruvat l-adulterju m'humiex gravi biżżejjed sabiex dawn ma jħallu ebda dubbju f'moħħ il-Qorti.[20]

Għalhekk il-Qorti ma tħossx li l-adulterju vantat mill-attur ġie ppruvat fil-grad tal-prova rikjest, b'indizzji u preżunzjonijiet preċiżi u konkordanti b'mod li ma jħallu ebda dubbju.

Jingħad ulterjorment li l-attur għal darba darbtejn jipprova joħroġ inferenza dwar l-eżistenza tal-allegat adulterju mill-fatt li l-konvenuta rrifjutat li tagħti l-eżenzjoni tagħha sabiex jixhed Fr Joseph Farrugia li kien terapista tal-partijiet.

Il-Qorti tosserva li anke t-Tribunal tal-Knisja li ta d-deċiżjoni tal-annullament taż-żwieġ bejn il-partijiet għamel l-istess inferenza rigward din id-deċiżjoni tal-konvenuta.

Minkejja dan, il-Qorti, apparti li tiċċara li hija m'hi bl-ebda mod marbuta mad-deċiżjoni tat-tali Tribunal, tosserva wkoll l-ispjegazzjoni li tat il-konvenuta għal din id-deċiżjoni tagħha fix-xhieda tagħha in kontroezami ta' nhar l-20 ta' Mejju, 2021 ossia; li hija rrifjutat li teżenta lil Fr Farrugia sabiex jixhed għax beżgħet li jiġu żvelati affarijiet li hija qaltlu kunfidenzjalment *in loco confessionis*. Dan m'għandux daqshekk mill-inverosimili stante li d-delikatezza ta' fejn jispicca r-rwol tat-tali qassis fil-vesti tiegħu ta' terapista u jibda dak tiegħu ta' qassis li jirċievi s-sagrament tal-konfessjoni ma jistgħux jingħadu li huma ċari, ċertament mhux f'moħħ il-konvenuta li mhijiex esperta in materja. Dan apparti l-fatt li l-attur inniffsu jixhed li quddiem Fr

[20] Ara wkoll id-deċiżjoni mogħtija nhar it-3 ta' Novembru, 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet AB vs CB, Rik. Ġur. 226/08 AL.

Joseph Farrugia l-konvenuta la ċaħdet iżda anqas ammettiet li kellha relazzjoni extra-maritali.

L-attur fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti jgħid ukoll li fil-*background* tar-ritratti a fol. 399 sa 416 tal-proċess huwa jagħraf il-kċina tad-dar matrimonjali. Mingħajr iżda xejn ma tnaqqas mill-kunsiderazzjonijiet diġà magħmulha rigward l-allegat adulterju, din il-Qorti tinnota li xejn ma tressaq bħala prova in sostenn ta' din l-asserzjoni tal-attur. Mank pereżempju biss ma ntalbet il-konvenuta tikkonferma jekk tagħrafx il-kċina tagħha fir-ritratti in kwistjoni.

Oltre minn dan kollu, il-Qorti tosserva li kif diġà spjegat, mill-assjem tal-provi rriżulta b'mod ċar li l-problemi matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti bdew fi stadju bikri taż-żwieġ tagħhom bl-attur jgħid li huwa mar kellem lit-Terapista Charles Azzopardi fl-2013 mentri l-konvenuta, apparti li tgħid li kien hemm kwistjonijiet sa minn qabel iżżewġu, tgħid li lil Fr Joseph Farrugia kellmitu l-ewwel darba fis-sena 2017 flimkien mal-attur. Dan kollu seħħ qabel mat-terz akkużat b'adulterju mal-kovenuta daħal fix-xena fis-sajf tal-2018, data li jikkonfermaw kemm it-tali terz, kemm il-konvenuta, kif ukoll Joseph Theuma, kuġin tal-konvenuta u dakinhar datur tax-xoghol fid-ditta *Gozo Pride Tours* kemm tagħha kif ukoll tat-terz in kwistjoni. B'dan allura li anke kieku kellu jinstab li seħħ adulterju, xi ħaġa li kif diġà spjegat din il-Qorti mhijiex tgħid li nstab, jirrizulta b'mod

ċar u lampanti li l-kaġun tat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet kontendenti seħħ minn qabel.

**Raġunijiet għat-tkissir taż-żwieġ imputati mill-konvenuta kontra l-attur:**

Da parti tagħha, il-konvenuta tallega li ż-żwieġ bejnha u bejn l-attur tkisser kaġun ta' inkompatibbilità ta' karattru tal-partijiet. F'xi waqt tul l-andament tal-proċeduri l-konvenuta tgħid ukoll li hija għandha suspetti dwar l-inklinazzjonijiet sesswali tal-attur. Tallega wkoll li l-attur kien vjolenti magħha f'almenu żewġ okkażjonijiet. Tgħid ukoll li l-attur moħħu fix-xalar mal-ħbieb mentri huwa ssakkat magħha rigward flus.

Fir-rigward tal-inklinazzjonijiet sesswali tal-attur, oltre mill-allegazzjonijiet magħmulha mill-konvenuta u mid-direzzjoni ta' ċerti mistoqsijiet impoġġiha lill-attur in kontroeżami, li huwa rrisponda b'mod sodisfaċjenti kontra tali akkuża, ma tressqu ebda provi li jqajmu xrara ta' ħsieb f'moħħ il-Qorti favur tali allegazzjoni tal-konvenuta.

Fir-rgward ta' xalar da parti tal-attur u ta' nuqqas tiegħu f'li jaqsam l-introjtu tiegħu ma' familtu, il-Qorti tinnota li d-diversi ritratti sottomessi mill-konvenuta li suppost juru lill-attur jixxalla waqt festa tar-raħal fil-fatt juruh fil-ġenb mhux fir-rassa tal-marċ tal-festa, u juruh ukoll iġib ruhu b'mod aktar minn aċċettabbli f'avveniment bħal festa tar-raħal. Rigward kif iġib ruħu magħha bil-flus, il-Qorti tosserva li tul ix-xhieda tiegħu l-attur dejjem tkellem fuq l-introjtu tiegħu bħala introjtu tal-familja. Dan apparti, il-fatt li l-konvenuta tressaq diversi irċevuti li skont hi juru nfiq li għamlet hi ad esklużjoni tal-attur m'huwiex minnu nfiq prova li l-attur ma kienx jikkontribwixxi.

Infatti, hi stess tgħid li l-attur kien iħallas, u li mal-provi dwar l-allegat infiq tagħha inkludiet biss ftit mill-infiq tal-attur li hija kienet taf bih, b'dan li taf li għamel aktar ħlasijiet.

Fejn tidħol vjolenza, din il-Qorti sejra għal darb'oħra tagħmel referenza għar-rapporti magħmula lill-pulizija minn fejn jirriżulta kjarament li f'okkażjoni waħda—fit-3 ta' Lulju, 2019—jista' jagħti l-każ li kien hemm xi alterkazzjoni bejn il-partijiet li żvolġiet anke b'xi mod fiżiku mentri f'okkażjoni oħra—31 ta' Awwissu, 2019—saħansitra kien hemm akkuża da parti tal-konvenuta li wasslet għall-hrug minn din l-istess Qorti ta' Ordni ta' Protezzjoni Temporanja kontra l-attur.

*Ciononostante*, din il-Qorti tapprezza li fl-ewwel każ, l-aġenti soċjali kkunsidraw il-kwistjoni bħala waħda normali ta' kunflitt matrimonjali mentri fit-tieni, għalkemm inħarget anke l-Ordni ta' Protezzjoni Temporanja, din inħarget minkejja li *ma ġie pprezentat ebda ċertifikat mediku* iżda stante li rriżulta *mir-rapport li sar mis-Social Workers illi din ma' kienitx [sic] l-ewwel darba illi Densie May Mizzi*—il-konvenuta—*ġiet bullied psikologikament*—bl-ewwel darba kienet il-kwistjoni tat-3 ta' Lulju, 2019 diġà trattata.[21]

Il-Qorti tosserva wkoll li bħala prova ta' vjolenza kontra l-konvenuta din il-Qorti għandha biss a dispożizzjoni tagħha ċ-ċertifikat mediku referibbli għar-rapport tal-pulizija tat-3 ta' Lulju, 2019[22] rilaxxat mit-Tabib Dr J. Xuereb Curmi. Kif diġà ġie osservat hawn aktar 'il fuq dakinhar l-imsemmi Tabib irrilaxxa ċertifikat ta' feriti ta' natura ħafifa liż-żewġ kontendenti. Minn hawn jirriżulta allura li dawn seta' kien hemm xi diżgiwd

[21] Ref: Ordni ta' Protezzjoni Temporanja datata l-31 ta' Awwissu, 2019 a fol. 162 sa 163.
[22] A fol. 156 tal-proċess.

bejniethom li wassal għal konfrontazzjoni li ġiet meqjusa mill-aġenti soċjali li ssejħu jattendu l-għassa u jintervistaw lill-kovnenuta bħala kwistjoni normali ta' konflitt matrimonjali tant li anqas prosegwew bi proċeduri kriminali.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-episodju hawn fuq imsemmi kien wieħed ta' rabja u dispjaċir li għalkemm jista' jiġi deskritt bħala mhux daqstant ċivili u feliċi, xorta waħda ma jistax jiġi meqjus bħala wieħed ta' vjolenza. Dan apparti li x-xhieda mogħtija mill-konvenuta dwar dan l-inċident permezz tal-affidavit tagħha maħluf nhar it-23 ta' Ġunju, 2021 anqas jaqbel mal-verzjoni rakkontata minnha lill-pulizija kif jirriżulta mill-kopja tar-rapport in atti.

Jingħad ulterjorment li mal-istess affidavit tagħha maħluf nhar it-23 ta' Ġunju, 2021, il-konvenuta tannetti ritratt li allegatament juri spallietha bi tbenġila fuqha. Hawnhekk il-Qorti tibda sabiex tosserva li tali ritratt, li anqas tqies bħala provi idonea fir-riwgard ta' akkuża bħal din, anqas biss juri wiċċ il-konvenuta u b'hekk l-identità tal-persuna li tagħha tidher l-ispalla hija nieqsa, u anqas ġiet korroborata b'xi ċertifikat mediku.

Il-konvenuta tonqos milli tipprovdi provi li jikkonfermaw li l-attur huwa tassew u konsistentement vjolenti tant li anqas ma tressqu xi tobba sabiex jixhdu u ħadd mix-xhieda li tressqu m'għamlu mqar aċċenn għal xi tip ta' vjolenza nnotata minnhom jew ilmentata magħhom mill-konvenuta.

**Meqjusa l-imputazzjonijiet magħmula minn kull parti kontra l-oħra**, din il-Qorti tqis li r-raġuni li wasslet għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ bejn il-kontendenti hija waħda ta' nuqqas ta' kompatibbilità ta' karattri inkluż ċerta immaturità fil-

partijiet li sa minn bikri fir-relazzjoni tagħhom kienu anke jżommu ċerti rendikonti li jġiegħel lill-Qorti taħseb li kien donnu hemm stennija tat-tkissir taż-żwieġ.

B'hekk, din il-Qorti tiddikjara ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 li l-firda bejn il-kontendenti seħħet minħabba li l-ħajja flimkien ma baqgħetx aktar possibbli u dan lil hemm mill-akkuża ta' adulterju magħmula mill-attur kontra l-konvenuta ai termini tal-Artikolu 38 u minn dawk ulterjuri magħmula minn kull parti kontra l-oħra inkluż ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16.

Stabbilita r-responsabbilità konġunta tal-partijiet għas-separazzjoni personali bejniethom, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi fuq l-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni.

**Kura, kustodja u aċċess taż-żewġt ulied minuri:**

Il-Qorti tibda sabiex tosserva li hemm qbil bejn il-partijiet li l-kura u kustodja għandha tkun konġunta. [23]

Magħdud dan, jirriżulta li tul l-andament ta' dawn il-proċeduri ġie akkordat l-aċċess tal-attur versu l-ulied minuri li baqgħu jgħixu mal-konvenuta fid-dar matrimonjali għall-ewwel darba b'digriet *pendente lite* ta' nhar l-4 ta' Settembru, 2019[24] b'dan li konsistentement il-partijiet għamlu rikorsi u risposti sabiex varjaw l-istess skont il-bżonn.

Jirriżulta ulterjorment li ma kienx hemm problemi rigward l-aċċess lejn l-ulied bil-partijiet anke qablu fejn kien hemm bżonn ta' aċċess virtwali tul il-pandemija tal-Covid-19 jew aċċess

[23] Ref: talba attriċi numru 2, risposta konvenuta numru 2, talba rikonvenzjonali numru 3, risposta rikonvenzjonali numru 3.
[24] A fol. 165 sa 166 tal-proċess.

addizzjonali kumpensatorju fejn dan intilef riżultat tal-istess pandemija.

Jekk kien hemm xi diżgwid dwar l-aċċess dan kien limitatament fir-rigward ta' fejn għandhom jiltaqgħu l-partijiet sabiex l-ulied jittieħdu mill-parti waħda mingħand l-oħra. Kien hemm ukoll aċċenn għal ċerta rabja f'risposta ta' parti wara enneżimu rikors tal-oħra sabiex jiġi varjat id-digriet tal-aċċess b'din il-Qorti iżda tosserva li ġaladarba kien hemm in vigore d-digriet imsemmi tal-4 ta' Settembru, 2019, il-parti li kienet tirrikjedi l-varjazzoni ma kellha ebda alternattiva għajr li tagħmel rikors.

B'dan f'moħħha, u tenut kont li ż-żewġ partijiet ġenituri tal-minuri huma t-tnejn residenti Għawdex u jidher ċar anke mid-diversi komunikazzjonijiet li għaddew bejniethom u li ġew ippreżentati f'dan il-proċess li għandhom interess f'uliedhom u għandhom għal qalbhom l-edukazzjoni ħolistika u s-saħħa ta' uliedhom; din il-Qorti m'hijiex sejra ċċaħħad il-kura u l-kustodja lill-ebda parti.

Għaldaqstant, din il-Qorti qed tiddeċiedi li l-kura u kustodja għandha tkun konġunta, bl-aċċess għandu jibqa bil-modalità kif bħalissa eżerċitabbli wara l-aħħar digriet li ngħata minn din il-Qorti fir-rigward, ossia; dak tal-4 ta' Settembru, 2019 kif varjat b'dak tal-1 ta' Ottubru, 2020.

**Manteniment:**

Il-manteniment pagabbli versu l-ulied minuri ġie stabblit *pendente lite* b'digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta ta' nhar it-2 ta' Settembru, 2019 fil-valur ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450) fix-xahar pagabbli mill-attur lill-kovenuta versu l-

ulied. Dan il-valur kien jinkludi fih l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni.[25]

Dan id-digriet ġie varjat b'iehor tat-30 ta' Lulju, 2020 li awmenta l-manteniment għal ħames mija u ħamsin ewro (€550) fix-xahar esklużi l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal liema l-partijiet kellhom jikkontribwixxu b'mod ugwali bejniethom.

Il-Qorti tosserva s-sottomissjonijiet tal-partijiet f'dan ir-rigward u, wara li rat il-provi miġjuba quddiemha dwar id-dħul tal-partijiet u l-bżonnijiet tal-minuri, ser tvarja il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta versu l-ulied minuri billi tgħollih għall-valur ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€625) fix-xahar esklużi l-ispejjeż ta saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal liema l-partijiet għandhom jikkontribwixxu b'mod ugwali bejniethom.

Il-Qorti tosserva li ebda parti ma talbet il-ħlas ta' manteniment għalija nfisha mill-parti l-oħra.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

Rigward proprjetà immobbli u vetturi formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tosserva li m'hemmx diverġenza bejn il-partijiet li dawn jikkonsistu fis-segwenti:

i. il-garaxx numru 3 fil-livell ta' *basement* tal-blokk ta bini bin-numru 34 fi Triq Virginio Monti, is-Swatar, Malta li ġie akkwistat permezz ta' att ta' kompravendità tat-

[25] Digriet a fol. 147 sa 148.

30 ta' Novembru, 2013 in atti Nutar Mariosa Grech—valwat għal tnejn u għoxrin elf ewro (€22,000);

ii. l-appartament numru 3 u l-garaxx numru 2 fil-blokka "The Meadows" fi Triq Feliċ Grech, l-Għarb, Għawdex li ġew akkwistati permezz ta' att ta' kompravendità tat-22 ta' Ottubru, 2016 in atti Nutar Mariosa Grech bil-kontenut tagħhom—valwati għal mitejn u ħmistax-il elf ewro (€215,000) u ħmistax-il elf ewro (€15,000) rispettivament;[26]

iii. il-vettura tal-għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni CHZ111;

iv. il-vettura tal-għamla Alfa Romeo GTV bin-numru ta' reġistrazzjoni RAP168;

v. il-mutur tal-għamla Kymco Agility bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO921;

vi. *loans* [*self*] u kontijiet bankarji;

vii. il-kera riżultanti mill-proprjetà parafernali tal-attur ossia, l-appartament numru 4 fi Triq Virginio Monti, is-Swatar, Malta.

Il-valuri tal-vetturi ma ġewx ikkonfermati b'dokumenti iżda l-attur jgħid li:

a) l-vettura Nissan Qashqai li tinsab fil-pussess tal-konvenuta nxtart għal sittax-il elf ewro (€16,000) bil-ħlas ta' sebat elef sitt mitt ewro (€7,600) sar mill-

[26] Valuri tal-proprjetajiet immobbli skont l-affidavit tal-konvenuta tat-23 ta' Ġunju, 2021 li l-attur qabel magħhom ai termini tal-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2021.

konvenuta wara l-bejgħ ta' vettura Volkswagen Polo li kellha qabel u preċedentement għaż-żwieġ u l-kumplament mill-kont konġuntiv;

b) l-vettura Alfa Romeo GTV inxtrat għall-prezz ta' erbat elef ewro (€4,000) bil-prezz tħallas mir-rikavat tal-bejgħ ta' vettura li kellu huwa qabel iż-żwieġ fejn kien fadal bilanċ ta' tlitt elef ewro (€3,000) li mar favur it-tlestija tad-dar matrimonjali;

ċ) l-mutur jiswa elf ewro (€1,000).

Rigward flus u *loans* [*self*], il-Qorti tosserva li l-konvenuta tgħid li flus id-dar ma kinux jinżammu. Mill-kumplament, il-prova ta' flejjes u *loans* [*self*] li għandha din il-Qorti temani mill-i*statements* [*rendikonti*] tal-kontijiet bankarji varji li ġew esibiti in atti.

Rigward il-kera riżultanti mill-proprjetà parafernali tal-attur; l-attur ikkonferma, inkluż bix-xhieda tal-attwali inkwilina, il-kera li jirċievi b'dan li jaqbel li fil-perjodu relattiv, ossia minn meta bdiet titħallas kera[27] sa qabel ġiet mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet fit-28 ta' Jannar, 2021—tali kera kellha tkun parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenuta tinsisti li hija ma gawdit xejn minn din il-kera li ddaħlet waqt li kienet għadha tissussisti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Minkejja dan, il-provi, u partikolarment mill-i*statement* [*rendikonti*] tal-kont miżmum minnha stess mal-bank APS—li ġie ppreżentat darbtejn, darba mir-rappreżentant tal-bank inniffsu u darba mill-konvenuta nfisha mal-affidavit tagħha—juru mod ieħor. B'dan li din il-

[27] Din bdiet titħallas fl-2017, wara li żżewġu l-partijiet, bil-partijiet kienu jgħixu huma stess f'dan l-appartament qabel telquh għal Ghawdex.

Qorti hija konvinta li tul il-persistenza tal-kirja mal-persuni ta' nazzjonalità Skoċċiża li tirriżulta mill-kuntratt li preżenta l-attur waqt ix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Lulju, 2021 il-kera daħlet fil-kont bankarju tal-konvenuta. Minn naħa l-oħra, l-inkwilina kurrenti xehdet li hija dejjem ħallset lill-attur personalment u b'kontanti b'dan li jista' jagħti l-każ li allura l-attur żamm il-kontanti għalih, minkejja dak li jgħid li dawn kienu jinżammu f'kaxxa għall-ispejjez ta' kuljum.

B'dan allura li din il-Qorti tħoss li almenu għandha tillikwida bħala parti mill-komunjoni dik il-parti tal-kera li tirriżulta mid-data tas-27 ta' Mejju, 2019, meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, sa dik tat-28 ta' Jannar, 2021, meta seħħet it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan fil-valur ta' disat elef ewro [€9,000 (10x€900)], elfejn mitejn u ħamsin ewro [€2,250 (5x€450)], erbat elef mitejn ewro [€4,200 (6x€700)]—kera mħallsa skont l-iskeda esibita mill-istess inkwilina.

Il-Qorti tosserva s-sottomissjoni tal-konvenuta li hija ma ġietx ikkonsultata u anqas awtorizzat lill-attur inaqqas il-kera kif spjega li għamel hu u kkorraborat l-inkwilina kurrenti. B'dan illi l-Qorti tqies li bħala proprjetà parafernali tiegħu kien f'idejn l-attur jikrix jew le l-appartament fis-Swatar u ladarba huwa kellu din id-diskrezzjoni, bil-kera ma tammontax, fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-kwistjoni ta' amministrazzjoni straordinarja li tirrikjedi l-awtorizazzjoni ta' żewġ partijiet mizżewġa mela allura l-attur kellu dritt inaqqas il-kera kif għamel, speċjalment tenut kont taċ-ċirkostanzi prevalenti fiż-żmien relattiv ossia, it-tixrid tal-pandemija tal-Covid-19.

Il-Qorti tosserva wkoll li stante li m'hemm ebda prova li dan il-valur miġbur f'kera mill-proprjetà parafernali tal-attur ma

ntużax favur il-komunjoni, ir-riversament mill-attur rigward dan il-valur għandu jkun ta' nofs is-somma.

Jibqa' wkoll kwistjoni ta' kreditu ta' sebat elef ewro (€7,000) li l-konvenuta tammetti li ħadet mill-kont konġunt meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni u tgħid li tifhem li għandha tirritorna fil-komunjoni tal-akkwisti sabiex issir il-likwidazzjoni u l-qasma relattiva. Il-Qorti tqis li stante li dan il-valur ġie dikjarat li ttieħed mill-konvenuta bħala garanzija u m'hemmx prova li ntuża favur il-komunjoni, dan għandu jiġi ritornat fl-intier tiegħu.

Rigward il-vetturi parafernali u l-kreditu li jemani mill-bejgħ ta' tali tul iż-żwieġ; din il-Qorti tqis li fin-nuqqas ta' prova ċara relattiva għall-valuri li għaddew, din il-Qorti mhijiex sejra tagħmel eżerċizzju tat-tnaqqis tal-krediti attribwibbli lill-vetturi parafernali li nbiddlu għall-vetturi tal-komunjoni iżda minflok ser tgħaddi sabiex tassenja l-vetturi kif ser isegwi hawn aktar 'l isfel.

Rigward l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur naqas milli jikkontribiwxxi bil-mod li kkontribwiet hija tul iż-żwieġ; apparti li mill-assjem tal-provi din il-Qorti ma' tħossx li tassew jirriżulta tali nuqqas, il-Qorti tinnota wkoll li l-fatt li l-konvenuta ppreżentat diversi rċevuti li jmorru lura addirittura għall-2013, apparti li jkompli jsaħħaħ il-konvinċiment ta' din il-Qorti li kien hemm nuqqasijiet attribwibli liż-żewġ partijiet għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ, ma jammontax għall-prova aċċettabbli li l-konvenuta għamlet tali ħlasijiet mentri l-attur m'għamilx daqsha. Dan mhux biss għaliex din il-Qorti m'għandha ebda mod kif tista' tikkonferma l-veraċità tal-irċevuti ppreżentati u jekk dawn jurux tassew infiq magħmul mill-konvenuta favur il-

familja tagħha. Iżda wkoll għaliex il-konvenuta stess in kontroeżami tammetti li fil-ftit entraturi li inkldiet fir-rendikont tagħha bħala nfiq mill-attur m'hemmx kollox għaliex hija setgħet biss tinkludi favur l-attur dak l-infiq li hija kienet konxja li sar mill-attur b'dan li taf li saru aktar pagamenti minnu.

Il-konvenuta hawnhekk tinsisti li semmai kellu jkun l-attur li jagħmel provi tiegħu f'dan ir-rigward. Il-Qorti bir-rispett ma taqbilx.

Huwa inverosimili u għandu mill-inkredibbli li xi parti żżomm irċevuti kif propost mill-konvenuta. Dan anqas huwa mistenni mil-ligi nostrana li fir-rigward tad-diviżjoni tal-assi matrimonjali trid biss li jinqasmu dawk l-assi eżistenti fil-mument tas-separazzjoni.[28] B'dan li din il-Qorti anqas taqbel mal-konvenuta fejn din tinsisti li din il-Qorti għandha tikkunsidra d-dħul kollu li seħħ minn kull parti tul iż-żwieġ u l-infiq ippruvat sabiex minn hemm toħroġ xi bilanż dovut. Dan jingħad partikolarment meta d-dhul relattiv għall-attur huwa fil-*maggior* parti tiegħu derivanti minn ħlasijiet li jsiru mill-Gvern tramite trasferimenti bankarji diretti li allura jirriżultaw fl-i*statements* [*rendikonti*] bankarji[29] mentri dak kurrenti perċepit mill-konvenuta fl-impjieg tagħha ma' *Steward Healthcare* anqas ġie migjub għall-iskrutinju ta' din il-Qorti.

Il-konvenuta tgħid ukoll li l-attur ħallas is-self fuq il-proprjetà parafrenali tiegħu mill-komunjoni tal-akkwisti. L-attur ma jinnegax dan. B'dan allura li din il-Qorti trid tqis li sa mid data taż-żwieġ bejn il-partijiet, ossia, it-22 ta' Diċembru, 2012 sad-data tas-separazzjoni tal-assi—allura it-28 ta' Jannar, 2021—l-

[28] Ref: Artikolu 1316 et seq tal-Kap. 16 b'mod partikolari l-Artikolu 1333.
[29] Ref: xhieda tad-daturi tax-xogħol tal-attur inkluż Eugene Bugeja, Angelo Said, Robert Tabone u Mary Debono Borg.

attur għamel tali ħlasijiet mill-komunjoni tal-akkwisti b'dan li issa għandu jrodd l-istess lura.

Mill-i*statements* [*rendikonti*] tal-bank BOV a fol. 744 sa 749[30] jirriżulta li l-ħlasijiet fix-xahar kontra s-self parafernali tal-attur kienu ta' tliet mija u sitta u sittin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€366.95ċ) b'dan li fil-perjodu relattiv saru allura pagamenti fil-valur ta' ħamsa u tletin elf ħames mija u erbgħa u disgħin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€35,594.15) b'dan li mill-komunjoni l-attur ħa dak il-valur sħiħ stante li dan mar favur proprjetà parafernali tiegħu mhux favur il-komunjoni iżda huwa kellu dritt għal nofs l-istess valur.

B'dan allura li l-flejjes u debiti hemm is-segwenti:

- Flejjes:

i. Valuri miżmuma f'kontijiet bankarji varji;

ii. Valur ta' sebat elef sebgħa mija u ħamsa u għoxrin ewro (€7,725)—nofs ħmistax-il elf erba' mija u ħamsin ewro (€15,450)—f'kera miġbura fil-perjodu relattiv mill-proprjetà parafernali tal-attur;

iii. Valur ta' sebat elef ewro (€7,000) li l-konvenuta pperċepiet mil-komunjoni;

iv. Valur ta' ħamsa u tletin elf ħames mija u erbgħa u disgħin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€35,594.15) li l-attur ipperċepixxa mill-komunjoni;

v. Dħul proġettat favur xogħol ta' espert tal-Qrati magħmul mill-attur li, sad-data tax-xhieda mogħtija mir-

[30] Vol. III tal-proċess.

Registratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) kien għadu ma tħallas lilu u dan fil-valur ta' ħamest elef tmien mija u ħames ewro u sebgħa u tletin ċentemżu (€5,805.37).

- Djun:

Id-djun ser jiġi maqsuma skont il-likwidazzjoni tal-proprjetajiet.

Rigward varji allegazzjonijiet li saru rigward rigali mogħtija mill-ġenituri tal-partijiet fi flejjes u kif dawn intużaw, il-Qorti hija sodisfatta mill-provi miġjuba mill-attur li tali valuri kienu ta' għaxart elef ewro (€10,000) mogħtijin mill-ġenituri tiegħu u tnax-il elf ewro (€12,000) mogħtijin mill-ġenituri tal-konvenuta b'dawn intuzaw favur ix-xiri tal-proprjetà immobbli formanti d-dar matrimonjali parti mill-komunjoni tal-akkwisti u allura m'għandhomx għalfejn jiġu inklużi fil-kalkolu tad-debiti u krediti li jridu jinqasmu bejn il-partijiet iżda jitqiesu bħala parti minn tali proprjetà.

Similarment, rigward l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur żamm għalih xi qligħ minn xogħol fuq magna tal-*embroidery* magħmul għal missierha, din il-Qorti tqies li ma nġibu ebda provi sodisfaċjenti f'dan ir-rigward b'dan li ġew biss ippreżentati dokumenti li kien jipprepara l-attur sabiex jitħallas mingħajr ma ġiet dokumentata prova ta' ħlas u mingħajr ma tressqet sabiex tixhed l-unika persuna li setgħet verament tixhed xi dawl fuq dan, ossia missier il-konvenuta, li għalkemm xehed permezz ta' affidavit ma nissilx kelma fuq dan il-mertu.

Jibqa' wkoll il-kwistjoni tal-*Life Retirement Plan* li l-attur kellu qabel iż-żwieġ u li, skont li jixhed l-attur stess, issarrfet minnu f'Diċembru 2015 bir-rikavat intuża għall-hlas ta' kors għalih

inniffsu b'dan li allura dan it-tisrif ma jwassal għall-ebda kreditu kontra l-komunjoni.

**Likwidazzjoni tal-assi:**

Il-Qorti tosserva li sfortunatament anke fis-sottomissjonijiet finali tagħhom il-partijiet qajla jaqblu fuq kif għandhom jitqassmu l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti b'dan li għandha tagħmel sforz hi sabiex il-likwidazzjoni u qasma jsiru bl-aħjar mod possibbli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti ser tillikwida l-komunjoni tal-assi eżistenti bejn il-partijiet kif isegwi:

1. il-proprjetà matrimonjali ossia l-appartament numru 3 bil-garaxx miegħu li jgib in-numru 2 fil-blokka "The Meadows" fi Triq Feliċ Grech, l-Għarb, Għawdex valwati għal mitejn u ħmistax-il elf ewro (€215,000) u ħmistax-il elf ewro (€15,000) rispettivament inkluż l-oġġetti kontenuti fl-istess għandhom jibqgħu fil-komunjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 55(2) tal-Kodiċi Ċivili u dan għal terminu ta' sentejn tul liema terminu ta' sentejn, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kodiċi Ċivili, il-pussess tal-istess proprjetajiet immobbli għandu jibqa' f'idejn il-konvenuta li tibqa' tgħix fihom u tużahom flimkien mal-ulied minuri tal-partijiet ad esklużjoni tal-attur u dan stante li l-ulied minuri huma mdorrijin f'din id-dar u jattendu skejjel u dottrina fil-viċinanzi, l-attur għandu residenza alternattiva mentri l-konvenuta m'għandhiex, u l-ġid tal-partijiet kif riżultanti lill-Qorti hekk jippermetti. Is-self kollu fuq din il-proprjetà għandu jibqa' jitħallas miż-żewġ partijiet konġuntivament f'porzjonijiet ugwali bejniethom b'dan li l-istess proprjetà

għandha tinbiegħ b'liċitazzjoni wara l-istess perjodu ta' sentejn bir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali bejniethom wara li jitħallsu kwalunkwe debiti gravanti l-istess;

2. il-garaxx numru 3 fil-livell ta' *basement* tal-blokk ta' bini bin-numru 34 fi Triq Virginio Monti, is-Swatar, Malta li ġie akkwistat permezz ta' att ta' kompravendità tat-30 ta' Novembru, 2013 in atti Nutar Mariosa Grech għandu jinbiegħ fi żmien sena bir-rikavat jinqasam f'porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet. B'dan li l-partijiet ikollhom dritt ta' preferenza jekk, wara li jiġi offrut l-istess għall-bejgħ u ssir offerta, minn minnhom jaqbel iħallas huwa nofs dak il-prezz offrut lill-parti l-oħra;

3. il-vettura tal-għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni CHZ111 għandha tibqa' fil-pussess u fi proprjetà assoluta tal-konvenuta;

4. il-vettura tal-għamla Alfa Romeo GTV bin-numru ta' reġistrazzjoni RAP168 u l-mutur tal-għamla Kymco Agility bin-numru ta' reġistrazzjoni EBO921 għandhom jibqgħu fil-pussess u fi proprjetà assoluta tal-attur;

5. is-self li jsejjaħ lil kwalunkwe parti separatament mill-oħra għandu jibqa' a karigu esklussiv tat-tali parti li s-self isejjaħ;

6. il-kontijiet bankarji konġunti bl-eċċezzjoni tal-kontijiet bankarji ta' fdal għall-minuri għandhom jiġu magħluqa u dak kollu minnhom żbankat jiġi assenjat b'mod ugwali bejn il-partijiet. Il-kontijiet bankarji ta' fdal għall-minuri

jinżammu konġuntivament mill-partijiet. Kull waħda mill-partijiet iżżomm kull kont bankarju intestat f'isimha;

7. l-attur iħallas is-somma ta' sbatax-il elf seba'mija u sebgħa u disgħin ewro u tmien ċenteżmi (€17,797.08)–nofs il-valur ta' ħamsa u tletin elf ħames mija erbgħa u disgħin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€35,594.15ċ) rappreżentanti r-*repayments* magħmula mill-komunjoni fuq il-proprjetà parafernali tiegħu fis-Swatar, Malta—lill-konvenuta stante li l-istess proprjetà fis-Swatar Malta tibqa' parafernali tiegħu b'huwa kellu dritt għal nofs il-valur meħud favur l-istess mil-komunjoni;

8. l-attur iħallas tlitt elef tmien mija u tnejn u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu (€3,862.50ċ), nofs il-valur ta' sebat elef seba' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€7,725) relattiv għal kera miġbura fil-perjodu relattiv mill-proprjetà parafernali tiegħu lill-konvenuta;

9. l-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' elfejn disa' mija u żewġ ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€2,902.69ċ), ossia nofs id-dħul proġettat—li kien altrimenti jmiss lill-konvenuta—favur xogħol ta' espert tal-Qrati magħmul minnu li, sad-data tax-xhieda mogħtija mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) kien għadu ma tħallas fil-valur totali ta' ħamest elef tmien mija u ħames ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€5,805.37ċ).

10. il-konvenuta tħallas tlitt elef ħames mitt ewro (€3,500), nofs is-sebat elef ewro (€7,000) li huma dovuta minnha lill-komunjoni tal-akkwisti, lill-attur.

**Dekadenza tad-drittijiet ċivili:**

Stante li kif hawn aktar 'il fuq osservat ir-responsabbilità għat-tkissir taż-żwieġ bejn il-kontendenti hija meqjusa konġunta, il-Qorti tqis li m'għandux ikun hemm dekadenza ta' drittijiet ai termini tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 mentri l-Artikolu 55A japplika kif ingħad hawn aktar 'il fuq fis-sezzjoni «Likwidazzjoni tal-Assi».

Id-dekadenza mid-drittijiet sanċit mill-Artikoli 631 u 633 tal-Kap. 16 japplikaw kif konsistenti mal-kumplament ta' din id-deċiżjoni.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba attriċi u l-kontrotalba tal-konvenuta, limitatament kif ser jingħad, u tiddisponi mill-kawża odjerna bil-mod segwenti:

a) Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli liż-żewġ konjuġi, u tawtorizzahom jgħixu separatament minn xulxin;

b) Tafda l-kura u l-kustodja taż-żewġ ulied minuri tal-partijiet f'idejn il-partijiet konġuntivament b'dan li l-istess ulied minuri għandhom jibqgħu jgħixu mal-konvenuta bid-dritt ta' aċċess tal-attur kif stabbilit fis-sezzjoni intitolata «*Kura, kustodja u aċċess taż-żewġt ulied minuri*» ta' dan il-ġudizzju;

ċ) Tawtorizza lill-konvenuta tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali ossia, l-appartament numru 3 bil-garaxx miegħu li jġib in-numru 2 fil-blokka "The Meadows" fi Triq Feliċ Grech, l-

Għarb, Għawdex flimkien ma' wliedha minuri ad esklużjoni tal-attur;

d) Tordna lill-attur iħallas lill-konvenuta a favur l-ulied minuri tal-partijiet manteniment mensili fil-valur ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€625) fix-xahar esklużi l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari għal liema l-partijiet għandhom jikkontribwixxu b'mod ugwali bejniethom wara l-produzzjoni tad-debiti riċevuti u dan mid-data ta' dan il-ġudizzju sa ma l-ulied minuri jsiru maġġorenni;

e) Tiċħad it-talbiet reċiproċi tal-partijiet għad-dekadenza mid-drittijiet ċivili sanċiti skont l-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16, tilqagħhom limitatament kif konsistenti ma' dan il-ġudizzju fir-rigward tal-Artikolu 55A tal-Kap. 16, tilqagħhom fir-rigward tal-Artikoli 631 u 633 tal-Kap. 16 kif konsistenti ma' dan il-ġudizzju;

f) Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bħala l-assi indikati fis-sezzjoni «*Komunjoni tal-Akkwisti*» ta' dan il-ġudizzju u fit-termini tal-istess fil-parti «*Likwidazzjoni tal-assi*»;

g) Tawtorizza lill-partijiet jew wieħed minnhom jirreġistra dan il-ġudizzju fir-Reġistru Pubbliku;

h) Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti lura għal kunjom xbubitha, Micallef;

i) Stante nuqqas ta' prova ta' proprjetajiet parafernali oltre dik tal-attur ossia l-appartament numru 4 fit-tieni sular tal-blokka numru 36/38, Triq Virginio Monti, is-Swatar, limiti ta' Birkirkara, Malta, tiċħad il-ħames (5) talba rikonvenzjonali tal-konvenuta in parte kif konsistenti ma' dan il-ġudizzju.

Bl-ispejjeż, inkluż tad-deċiżjonijiet parzjali u appelli mogħtija waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri a karigu taż-żewġ partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur